# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 29 ta' Marzu, 2023.**

**Numru 23**

**Rikors numru 48/18/1 SM**

**Dr Peter u Monica konjuġi Cauchi**

**v.**

**Desirée Darmanin u wliedha Mirko Caruana u Alessia Caruana**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors ġuramentat li ressqu l-atturi fis-16 ta' Jannar, 2018 u li jaqra hekk:

> "1. Illi r-rikorrenti huma l-proprjetarji tal-fond 47, 'Mimosa', Triq it-Tamal, The Gardens, St Julians, u huma jirrisjedu f'dan l-istess fond.
>
> 2. Illi l-intimati huma l-proprjetarji tal-fond sitwat fl-indirizz f'49, 'Zinnia', Triq it-Tamal, The Gardens, St Julians, liema fond huwa adjaċenti għall-fond tar-rikorrenti. L-intimati jirrisjedu wkoll fl-imsemmi fond illi tiegħu huma l-proprjetarji.

3. Illi l-intimati għandhom imħawla fil-proprjetà tagħhom siġra tat-tiġ 'Yucca' liema siġra hija mħawla f'bogħod ta' anqas minn żewġ metri u erbgħin ċentimetru (2.4m) mil-linja li taqsam il-fond tal-intimati mill-fond tar-rikorrenti, u dana bi ksur tad-distanza minima rikjesta mil-Liġi.

4. Illi in oltre din l-istess siġra tat-tip 'Yucca' qegħda tikkawża danni, ħsarat, inkonvenjenzi u preġudizzju serju fil-proprjetà tar-rikorrenti. Inoltre, din l-istess siġra qegħda tifga u toħnoq perikolu għar-rikorrenti u għal kull min iżurhom.

5. Illi għalkemm debitament interpellati mir-rikorrenti, anke uffiċjalment, sabiex l-intimati jaqilgħu din is-siġra, l-intimati baqgħu inadempjenti.

Jgħidu għalhekk l-intimati għaliex, għar-raġunijiet premessi, m'għandhiex dina l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara, *occorrendo per opera di* periti nominandi, illi s-siġra tat-tip 'Yucca' imħawla fil-proprjetà hija sitwata fl-indirizz 49, 'Zinnia', Triq it-Tamal, The Gardens, St Julians, ma tirrispettax id-distanza minima ta' żewġ metri u erbgħin ċentimetru (2.4m) mil-linja li taqsam l-imsemmi fond tagħhom mill-fond tar-rikorrenti illi huwa sitwat fl-indirizz 47, 'Mimosa', Triq it-Tamal, The Gardens, St Julians.

2. Konsegwentement, tordna lill-intimati jaqilgħu, fi żmien qasir u perentorju, a spejjez tagħhom, is-siġra tat-tip 'Yucca' hekk imħawla; u

3. Fil-każ ta' inadempjenza tal-intimati mal-ordni ta' din l-Onorabbli Qorti mogħtija a tenur tat-talba preċedenti, tawtorizza lir-rikorrenti sabiex jaqilgħu l-istess siġra huma stess, a spejjeż tal-intimati, taħt id-direzzjoni u superviżjoni ta' periti nominandi.

B'riserva, għal kull azzjoni oħra futura spettanti lir-rikorrenti skond il-Liġi."

2. Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti li in forza tagħha eċċepew:

"1. Illi preliminarjament l-azzjoni għad-dritt pretiż hija preskritta ai termini tal-artikolu 2143 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-intimata Desireé Darmanin reverentement teċepixxi illi hija mhijiex il-leġittima kontradittriċi peress illi hija mhijiex proprjetarja tal-fond imsemmi 49, 'Zinnia', Triq it-Tamal, The Gardens, San Ġiljan;

3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu respinti u miċħuda peress illi huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u dana għaliex mhuwiex minnu li s-siġra tat-tip ‘Yucca’ in kwistjoni qiegħdha tikkawża xi danni, ħsarat, inkonvenjenzi, preġudizzju u, jew kwalunkwe tip ta’ perikolu lir-rikorrenti u, jew terzi.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri permessi mil-Liġi.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti, li huma nġunti in subizzjoni.”

3. Rat is-sentenza li tat il-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili fis-26 ta’ April, 2019, li in forza tagħha ddeċidiet il-kawża fis-sens li ġej:

“21.1. Takkolji t-talbiet tar-rikorrenti;

21.2. Tirrespingi r-risposti kollha tal-intimati;

21.3. Tiddikjara li l-“Yucca” imhawla fil-proprjeta` tal-intimati fil-fond 49, “Zinnia”, Triq it-Tamal, “*The Gardens*”, San Giljan, ma tirrispettax id-distanza minima ta’ 2.40m. mil-linja li taqsam l-imsemmi fond mill-fond tar-rikorrenti;

21.4. Tordna lill-intimati biex fi zmien xahrejn (2) mid-data ta’ din is-sentenza jaqilghu l-“Yucca” hekk imhawla;

21.5. Illi f’kaz t’inadempjenza, tawtorizza lir-rikorrenti biex jaqilghu l-istess sigra a spejjez tal-intimati, u dan taht id-direzzjoni u supervizjoni tal-istess perit tekniku nominata bhala espert tekniku *in atti*;

21.6. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur kontra l-intimati.”

4. Dik il-Qorti tat is-sentenza tagħha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“9.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

9.1. Illi l-kontendenti huma girien bid-djar taghhom divizi minn hajt komuni, (ara ritratti a foll 18 u pjanta a foll 38);

9.2. Illi r-rikorrenti jsosstnu li l-“Yucca” li l-intimati ghandhom imhawla fil-fond proprjeta` taghhom mhix imhawla skont id-distanza stabbilita

statutorjament ta' mill-inqas 2.40m 'l boghod mill-linja li taqsam il-fond tal-intimati minn dik proprjeta` taghhom;

9.3. Illi r-rikorrenti jsosstnu li l-istess sigra tikkawza hsarat u inkonvenjenzi fil-proprjeta` taghhom;

9.4. Illi min-naha taghhom l-intimati jsosstnu prelimarjament li:

9.4.1. L-azzjoni hi preskritta;

9.4.2. L-intimata mhix il-legittimu kontradittur;

9.5. Illi fil-mertu l-intimati jsosstnu li t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu respinti *stante* li s-sigra in dizamina mhix qed tikkawza hsarat lir-rikorrenti;

9.6. Illi l-"Yucca" in dizamina hi imhawla circa 0.86m. mill-wicc tal-hajt komuni, (ara foll 28 u 38);

9.7. Illi l-"Yucca" tghola sew fuq il-hajt divizorju u tinvadi l-proprjeta` tar-rikorrenti, (ara ritratti a foll 18 flimkien ma dawk esebiti fir-relazzjoni peritali pprezentati *in atti* a foll 30 sa 35);

9.8. Illi *di piu`* l-istess espert tekniku espressament nominata minn din il-qorti ghall-ghan indikat fid-digriet tan-nomina, (ara foll 14), issottolineat li ghalkemm:

> "... ma setghetx tiehu kejl ezatt minn wara s-sigra ... mir-ritratt numru 7,Dok P1 anness, u minn dak li rat fuq ghajnejha, d-distanza hi biss ta' centimetri", (ara foll 28);

Ikkunsidrat:

10.0. Illi fir-rigward tal-ewwel (1) eccezzjoni preliminari senjatament dik tal-**preskrizzjoni** sollevata mill-intimati, jinghad sintetikament is-segwenti:

10.1. Illi ssir referenza ghas-sentenza tal-**Prim'Awla tal-Qorti Civili** fl-ismijiet **Karmenu Vella (ID 492553M) vs. General Workers' Union**, datata t-**8 t'Ottubru, 2013**, li f'dan ir-rigward irriteniet is-segwenti:

> "Fis-sentenza taghha ta-**30 ta' Ottubru, 2003**, fil-kawza "***Stencil Pave (Malta*) Ltd. vs Deguara *et noe***" din il-qorti ... irriteniet illi –
>
> "hi regola ewlenija fil-procedura li l-prova li l-azzjoni hi preskritta trid issir minn min iqanqal l-eccezzjoni, u ghalkemm il-parti rikorrenti tista' tressaq provi biex tittanta xxejjen dawk tal-parti mharrka billi tmeri li ghadda z-zmien jew billi ggib 'l quddiem

provi li juru li l-preskrizzjoni kienet sospiza jew interrotta, il-piz jaqa' principalment fuq min jallega l-preskrizzjoni. Hi l-parti mharrka li trid tipprova li l-parti rikorrenti ghaddhielha z-zmien utli biex tressaq il-kawza, u dan minn zmien minn meta dik il-kawza setghet titressaq ..."

"In partikolari fis-sentenza "**Causon vs Sheibani *noe***" il-qorti qalet illi –

"min jeccepixxi l-preskrizzjoni hu obbligat li jaghmel prova sodisfacenti tad-data meta l-perjodu tal-preskrizzjoni jibda jiddekorri ghaliex diversament il-qorti qatt ma tkun f'posizzjoni li tikkonstata jekk il-perjodu applikabbli tal-preskrizzjoni jkunx iddekorra jew le ..."

"Wara li l-eccipjent jaghmel prova, ikun imbaghad imiss lir-rikorrenti illi jipprova illi l-kors tal-preskrizzjoni ma jkunx ghadda (ara "**Calleja vs Vella**" – **Qorti tal-Appell** – **15 ta' April, 1964**).

10.2. Illi f'dan ir-rigward jigi sottolineat li minn ezami tar-rizultanzi pprezentati *in atti* ghandu jkun pacifiku li jirrizulta li l-intimati ma ressqu l-ebda prova in sostenn ta' din l-ewwel eccezzjoni minnhom sollevata;

10.3. Illi konsegwentement din il-qorti ma tistax taghti s-sostenn taghha lil din ir-risposta preliminari tal-intimati *stante* li ma gabu l-ebda prova fir-rigward li din il-qorti tista' tistrieh fuqha;

10.4. Illi ghalhekk din l-ewwel eccezzjoni preliminari ghandha tigi respinta;

Ikkunsidrat:

11.0. Illi fir-rigward tat-tieni (2) eccezzjoni preliminari senjatament dik li l-intimat Desiree Darmanin **mhix il-legittimu kontradittur** sollevata mill-istess, jinghad sintetikament is-segwenti:

11.1. Illi l-intimata *de quo* issosstni l-eccezzjoni preliminari in kwistjoni *stante* li tirritjeni li hi mhix il-proprjetarja tal-fond fejn tinsab imhawla s-sigra inkriminanti mertu tal-procedura odjerna;

11.2. Illi l-intimata Desiree Darmanin issosstni li fis-separazzjoni li kellha minn ma zewgha d-dar mertu tal-procedura odjerna giet imhollija lill-istess zewgha, (ara foll 41);

11.3. Illi jigi pero` sottolineat li apparti l-affermazzjoni tal-imsemmija intimata riferita fil-paragrafu precedenti, ma ingiebet l-ebda prova in sosstenn oggettiv tal-istess;

11.4. Illi ghandu jkun pacifiku li in vista tal-principju li "*onus probandi incumbit ei qui dicit* l-istess intimata kienet obbligata li tipprova tali allegazzjoni minnha hekk affermata – haga li baqghet m'ghamlitx;

11.5. Illi *di piu`* jigi sottolineat li r-rikorrenti jippremettu li l-intimati huma l-proprjetarji tal-fond fejn tinsab imhawla s-sigra mertu tal-kawza;

11.6. Illi *stante* li m'hemm xejn x'jindika li mhux mod iehor, il-presunzjoni tar-rikorrenti li l-intimati huma l-proprjetarji tal-fond *de quo* hi presunzjoni verosimili;

11.7. Illi fin-nuqqas ta' prova imressqa mill-intimata Desiree Darmanin fir-rigward ta' dak minnha hawn allegat, il-konkluzjoni tar-rikorrenti fl-istess rigward hi sostenibbli;

11.8. Illi in vista tal-premess, anke din it-tieni (2) eccezzjoni preliminari tal-intimata *de quo* ghandha tigi respinta;

Ikkunsidrat:

12. Illi fir-rigward tal-mertu veru u proprju tal-vertenza in dizamina ssir referenza ghall-artiklu 437 tal-Kap 16 li jistipula s-segwenti:

> "1. Hadd ma jista' jhawwel fil-fond tieghu sigar ta' zokk gholi f'boghod ta' anqas minn zewg metri u erbghin centimetru, jew sigar ohra f'boghod ta' anqas minn metru u ghoxrin centimetru, mil-linja li taqsam il-fond tieghu mill-fond tal-gar;
>
> "2. Id-dwieli, x-xtieli, s-sisien tal-haxix, u kull sigra ohra tinzamm baxxa sa gholi ta' mhux izjed minn zewg metri u ghaxar centimentri, jistghu jithawlu f'boghod ta' mhux anqas minn hamsa u erbghin centimetru mil-linja hawn fuq imsemmija;
>
> "3. Il-gar jista', sakemm ma jkunx ghadda z-zmien mehtieg ghall-preskrizzjoni, jitlob li s-sigar imhawwlin f'boghod anqas, jew li, ghalkemm ikun thalla dak il-boghod, ikunu jghamlulu hsara, jigu maqlugha bi spejjez tas-sid;
>
> "4. Izda, il-qorti tista' taghti lil sid dawk is-sigar il-ghazla jew li jaqlaghhom, jew li jaghmel, bi spejjez tieghu, fossijiet jew xogholijiet ohra mehtiega biex ma tkun tista' ssir ebda hsara fil-fond tal-gar;
>
> "5. Id-dispozizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma jghoddux meta l-fondi li jmissu ma' xulxin huma mifruda b'hajt, basta li s-sigar, ix-xtieli jew il-pjanti hawn fuq imsemmija jinzammu b'mod li ma jaqbzux il-gholi tal-hajt";

Ikkunsidrat:

13. Illi jirrizulta assodat li r-rikorrenti jidhru li qed jibbazaw il-procedura odjerna fuq l-artiklu 437 (1) tal-Kap 16 *stante* li fl-ewwel talba taghhom, (ara foll 2), qed jitolbu dikjarazzjoni li l-intimati fil-fatt m'osservawx d-distanza hemm indikata mil-linja li taqsam il-fond taghhom minn dak tar-rikorrenti;

Ikkunsidrat:

14. Illi kif jirrizulta mir-relazzjoni peritali pprezentata *in atti* li din il-qorti taghmel taghha, jirrizulta li l-proprjetajiet tal-kontendenti odjerni huma konfinanti u adjacenti ghal xulxin – mifruda u separati biss minn hajt divizorju, (ara foll 38 u d-diversi ritratti esebiti);

15. Illi ghandu pero` jkun pacifiku li tenut kont tal-gholi tal-"Yucca" in kwistjoni, s-sub-artiklu 5 tal-artiklu 437 fuq riprodott ma japplikax ghall-fattispeci in dizamina;

16. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-**Prim'Awla tal-Qorti Civili** fl-ismijiet **Joseph Camilleri et vs. George Falzon et**, datata il-**31 ta' Mejju, 2006**, li rriteniet is-segwenti:

> "Illi ghal dak li ssottometta l-intimat dwar id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 437 (5) tal-Kap 16, jirrizulta li ghalkemm l-eghlieqi huma mifruda b'hajt is-sigar imsemmija qabzu l-gholi ta' l-istess hajt allura l-artikolu 437 (5) tal-Kap 16 mhux applikabbli ghal kaz in ezami";

Ikkunsidrat:

17. Illi skont l-artiklu 437(1) tal-Kap 16 fuq citat is-sigra in dizamina kellha tkun mizruha f'distanza ta' 2.40m. 'l boghod mil-linja divizorja;

18. Illi skont ir-relazzjoni peritali *in atti* jirrizulta minflok li s-sigra in dizamina effettivament tinsab mizruha fil-proprjeta` tal-intimati f'distanza ta' 0.86m (ara foll 38), u f'xi imhawi d-distanza *de quo* hi biss ta' centimetri, (ara foll 28);

19. Illi ghalhekk jirrizulta abbundantement assodat li d-distanza li fiha hi mizruha s-sigra in dizamina mhix dik stabbilita mill-ligi u ghalhekk, bi ksur flagranti tal-istess;

Ikkunsidrat:

20.0. Illi fir-rigward tat-tielet (3) eccezzjoni tal-intimati, senjatament fejn jirrispondu li s-sigra in kwistjoni mhix qed tikkaguna hsara lill-proprjeta` tar-rikorrenti, jinghad sintetikament is-segwenti:

> 20.1. Illi hawn issir referenza ghas-sentenza tal-**Qorti tal-Appell** fl-ismijiet **Salvina Azzopardi *et* vs. Henry Zammit *et***, datata s-**27 ta' Jannar, 2017**, li irriteniet is-segwenti:

> "... l-Artikolu 437 tal-Kap 16 jipprovdi li gar jista' jitlob it-tnehhija ta' sigar li ma jkunux imhawlin fil-boghod rikjest mil-ligi minghajr riservi dwar jekk ikunux qed jikkagunaw hsara lill-hajt jew le";

20.2. Illi in vista tal-premess allura ghandu jkun sufficjenti li la darba ma gietx rispettata d-distanza statutorjament stipulata bejn is-sigra u l-linja divizorja tal-hajt in komuni, allura l-fatt jekk is-sigra in kwistjoni hix tikkaguna hsara jew le issir irrilevanti u m'ghandiex ghalhekk tibqa' tigi ikkonsiderata aktar;

20.3. Illi *di piu`* r-rikorrenti effettivament naqsu li jgibu kwalsiasi prova f'dan ir-rigward – u fil-fatt, in vista tas-suespost, gialadarba l-vertenza tiddependi mill-ezistenza *o meno* tad-distanza statutorjament stabbilita, allura din il-prova tkun irrilevanti, billi l-lezjoni tal-artiklu 437 tal-Kap 16 tirrizulta kkunsmata mhux mid-danni riskontrati izda mid-distanza stabbilita fl-istess;"

5. Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenuti li in forza tiegħu, għar-raġunijiet minnhom premessi, talbu li din il-Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza tal-Ewwel Qorti billi:

> "1. Tħassar il-parti tal-istess sentenza li fiha l-eċċezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni mressqa mill-konvenuti ġiet miċħuda; u
>
> 2. Konsegwentement, tiċħad it-talbiet kollha tal-appellati.
>
> Bl-ispejjeż taz-zewġ istanzi kontra l-appellati."

6. Rat ir-risposta tal-atturi li in forza tagħha, għar-raġunijiet minnhom premessi, talbu li din il-Qorti:

> "jogħġobha tiċħad l-appell ta' l-intimati appellanti Desiree Darmanin u uliedha Mirko Caruana u Alessia Caruana, u tikkonferma fl-intier tagħha s-sentenza appellata mogħtija mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-26 ta' April, 2019 fil-kawża fl-ismijiet premessi, bl-ispejjeż taz-zewgt istanzi kontra l-istess intimati appellanti."

7. Semgħet lid-difensuri tal-partijiet;

8. Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

9. Illi f'din il-kawża l-atturi qed jitolbu li l-ġirien tagħhom, il-konvenuti, jaqilgħu u jneħħu siġra fil-ġnien tagħhom, tal-konvenuti, tat-tip "Yucca" li għandhom imħawla u li tmiss mal-ħajt diviżorju u hija ogħla aktar mill-kejl li jrid l-Artikolu 437 tal-Kodiċi Ċivili. Jirriżulta, u mhux kontestat, li din is-siġra hija biss ftit ċentimetri 'l bogħod mill-ħajt li jaqsam il-ġonna tal-partijiet. Il-konvenuti eċċepew il-preskrizzjoni ta' tletin sena skont l-Artikolu 2143 tal-Kodiċi Ċivili.

10. L-Ewwel Qorti laqgħet it-talbiet tal-atturi wara li qieset li s-siġra in kwistjoni taqbeż l-għoli taċ-ċint diviżorju, hija ogħla minn żewġ metri u għaxar ċentimetri, u hija ferm viċin il-ħajt diviżorju, ħafna inqas minn żewġ metri u erbgħin ċentimetru li jistabbilixxi l-imsemmi Artikolu 437. Dik il-Qorti ċaħdet ukoll l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni peress li ma ġietx ippruvata.

11. Il-konvenuti appellaw mis-sentenza riferibbilment biss għaċ-ċaħda tal-eċċezzjoni tagħhom tal-preskrizzjoni mill-Ewwel Qorti. Mhux qed jikkontestaw is-sejbien tal-fatti kif stabbiliti mill-Ewwel Qorti.

12. Trattat l-appell din il-Qorti tara li, kif qalet l-Ewwel Qorti, il-konvenuti ma ppruvawx li s-siġra in kwistjoni ilha taqbeż il-ħajt diviżorju aktar minn 30 sena. Kif jgħid l-Artikolu 437 (5), ikun hemm bidu tal-ħolqien tas-servitù meta s-siġar jaqbżu l-għoli tal-ħajt diviżorju bejn żewġ fondi li jmissu ma' xulxin, kif inhuma l-fondi meritu ta' din il-kawża. Sakemm is-siġar jitħawlu u jkollhom tul ta' anqas mill-ħajt diviżorju, l-imsemmi Artikolu 437 ma japplikax. Dan ifisser li siġar ta' għoli anqas mill-għoli tal-ħajt diviżorju jistgħu jitħawlu fejn irid il-ġar u sakemm jibqgħu hekk baxxi l-ġar ma jistax jinsisti li jaqlagħhom (sakemm ma jagħmlux ħsara lill-istess ġar), iżda ma jakkwistawx drittijiet ta' servitù. Kważi kull siġra tibda żgħira, u l-Artikolu 437 jidħol fis-seħħ hekk kif tibda tikber u l-għoli tagħha jaqbeż il-ħajt li jifred iż-żewġ fondi.

13. F'dan il-każ, is-siġra tal-"Yucca", li hi siġra li tikber malajr, taqbeż sew il-ħajt diviżorju u ma hemmx provi li kienet għal 30 sena aktar għolja mill-ħajt diviżorju. Il-konvenuta tgħid biss li marret toqgħod fid-dar tagħha madwar 20 sena qabel, u s-siġra diġà kienet hemm u kienet għolja. Dan mhux biżżejjed. Il-konvenuta ma tgħidx kemm kienet għolja s-siġra 30 sena qabel. Il-konvenuti ma ġabux prova dwar meta l-istess siġra kienet tħalliet taqbeż l-għoli tal-ħajt diviżorju da parti tal-predeċessuri fit-titolu tagħhom. Il-konvenuti inoltre xejn ma rrispettaw il-bon viċinat illi kien mitlub minnhom, billi kif juru ċar ir-ritratti kollha esebiti, ma ħadu l-ebda

azzjoni għalkemm ġew mitluba sabiex iżommu s-siġra tagħhom skont kif huma obbligati li jagħmlu bil-liġi.

14. Inoltre, tajjeb li jiġi osservat li anke kieku (li mhux konċess) l-konvenuti akkwistaw xi dritt iħallu s-siġra twila fejn hi, ma jistgħux iħalluha tikber u tiżbroffa kif tidher li qed tagħmel. Kif jgħid il-ġurista **Francesco Ricci** ("Corso Teoretico – Pratico del Diritto Civile", Vol II pagna 551):

> "Si noti inoltre che gli alberi, a riguardo dei quali può farsi valere l'accennata prescrizione, debbono mantenersi per l'avvenire nello stesso stato in cui si tennero per il passato, in omaggio al principio: *quantum possessu, tantum praescriptum."*

Taħt kull aspett, isegwi, il-konvenuti ma jistgħux iħallu s-siġra fejn hi.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-konvenuti billi tiċħad l-istess u tikkonferma s-sentenza tal-Ewwel Qorti, b'dan li t-terminu ta' xahrejn li stabbiliet l-Ewwel Qorti għar-rimozzjoni tas-siġra in kwistjoni jibda jiddekorri mil-lum.

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu kollha mill-konvenuti appellanti *in solidum.*

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr